**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Settembru, 2021**

**Talba Nru: 255/2020 PM1**

**Peter Zammit (K.I. 2005078P)**

**Vs**

1. **Perit Matthew Psaila (KI 493588(M))**
2. **Perit David Psaila (KI 705061M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2020 li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, l-attur talab is-somma ta'erbat elef sitt mija u hamsa u tmenin euro (€4,685) rapprezentanti l-valur tal-oggetti mobbli li tnehhew

u/jew li tkissru mill-intimat jew nies imqabbda minnu mill-proprjeta`tal-attur nhar is-7 ta'Lulju, 2020 bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-istess intimati.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz senjatament l-affidavit tal-attur u d-dokument anness mieghu kontenenti l-elenku tal-oggetti mertu tal-kawza u l-valur rispettiv taghhom.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew li t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok, il-mobbli surreferiti gew volontarjament abbandunati go post pubbliku u mitluqa fi stat hazin u perikoluz, u mhux go proprjeta` privata kif qed jesponi l-attur. L-esponenti ma ghamlu xejn ghalhekk ghajr li nehhew l-imbarazz u skart li kien qieghed ikerrah il-proprjeta`, jostakolha u jipperikola n-nies li jghaddu mit-triq;
2. Fit-tieni lok, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi ghaliex tesigi azzjoni u tippretendi rimedju naxxenti minn agir illegali tieghu stess – *ex turpi causa non oritur actio*;
3. Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-attur hija ibbazata fuq ammonti ivvintati, eccessivi bil-ghan illi japprofitta u jaghmel profitt indebitu minn imbarazz tramite din il-kawza.
4. Fir-raba' lok, l-ammonti mitluba mill-attur fit-talbiet tieghu, anke mharsa l-principji tal-ekwita` u l-gustizzja, ma huwiex dovuti.
5. Fil-hames lok, mill-bqija, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra n-nota tal-attur datata 5 ta' Marzu, 2021li permezz taghha ezebixxa l-affidavit tieghu u ta' ibnu Melvin Zammit flimkien ma' ghadd ta'dokumenti relattivi (Dok. PZ u Dok. MZ).

Ra n-nota tal-konvenuti datat 24 ta' Marzu, 2021 li permezz taghha gew annessi l-affidavit tal-istess konvenuti flimkien ma' ghadd ta' dokumenti.

Sema' x-xhieda tal-attur u ta' ibnu in kontro-ezami waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju, 2021.

Sema' x-xhieda tal-konvenuti in kontro-ezami waqt is-seduta tal-14 ta' Settembru, 2021.

Ra li waqt l-istess seduta l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-istess seduta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-atti kollha.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tirrigwardja talba ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, sitt mija u hamsa u tmenin euro (€4685) rapprezentanti valur ta'oggetti li l-attur jikkontendi li l-konvenuti jew nies imqabbdin minhom nehhew u/jew kissru meta tali mobbli kienu jinsabu fi proprjeta` tieghu.

Illi t-Tribunal huwa marbut bit-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-partijiet kif dedotti minnhom rispettivament u kwindi ma jistax jiddeciedi dwar kwistjonijiet li jmorru lilhinn minn dak li gie mitlub u/jew eccepit. Inoltre il-kompetenza tat-Tribunal hija espressament limitata ghal talbiet ta' somom ta' flus (*money claims*) li jmorrux oltre s-somma ta' hames elef euro (€5000) u fejn jinsabu espressament eskluzi "***kawżi li fihom jindaħlu kwistjonijiet dwar proprjetà ta' beni immobbli, pożizzjiet jew jeddijiet oħra mgħaqqdin mal-immobbli***, *għad li t-talba ma tkunx tiskorri ħamest elef euro(€5,000), u kawżi ta' żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli*" (art. 3(5) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** – Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta). Certament allura li m'huwiex il-kompitu tat-Tribunal odjern li jiddetermina jekk l-art mertu tal-kawza, u li fuqha jidher li kienu gew depozitati l-oggetti mertu tal-kawza, hijiex art pubblika jew art privata li tappartjeni lil xi parti jew ohra. Aktar minn hekk lanqas huwa dan fattur

determinanti ghas-soluzzjoni tal-kwezit sollevat permezz tal-proceduri odjerni u cioe` jekk il-konvenuti ghandhomx ikun kkundannati jhallsu s-somma mitluba mill-atturi ghal-hsara li huwa jallega li kkagunawlu.

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal ser jghaddi kwindi sabiex jittratta u jiddeciedi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fl-ordni li gew sollevati minnhom stess.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti jikkontendu li t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex "*l-oggetti gew volontarjament abbandunati go post pubbliku u mitluqa fi stat hazin u perikoluz*". It-Tribunal isib minufih li tali difiza ma tistax isservi lill-konvenuti sabiex tehlishom mir-responsabilita` taghhom. It-Tribunal ra u sema' l-verzjonijiet rispettivament moghtija miz-zewg nahat u jasal ghall-konkluzjoni li m'huwiex minnu li l-konvenuti agixxew semplicement sabiex inehhu dak li huma jsejhu imbarazz u skart li kien qed ikerrah il-proprjeta` li huma jqisu li kienet pubblika. F'dan ir-rigward xehed l-attur li stqarr kif, fid-data tal-incident, huwa sab lill-konvenut Matthew Psaila flimkien max-xufier tat-trakk u zewg persuni ohrajn jghabbu u jkissru l-oggetti tieghu (para 8 tal-affidavit tieghu). Huwa jkompli jghid li "*l-affarijiet li kellna hemmhekk u li Psaila iddecidew li jibghatu lin-nies biex ikissru u jarmulna la kienu imbarazz jew skart u lanqas kienu mitluqa fi stat hazin jew perikoluz kif jippruvaw jghidu Psaila fir-risposta taghhom. Tant jafuh dan, li niftakar car li qabel dan l-incident, kien avvicinani David Psaila li wera l-interess fit-tarag antic li kellu rag ta'zewg sulari ghax kien qed jithajjar jaghmlu fil-gnien tieghu*" (para. 12 tal-affidavit tal-attur). Il-konvenut David Psaila ukoll ma jeskludix dan u jikkonferma li "*jista jkun li jiena kellimtu fuq xi oggetti u nfurmajtu li jekk kien ser jarmihom dawk kont dispost li nohodhom jiena, dawn kienu xi gebel*". Huwa car kwindi li l-oggetti li gew mnehhija u/jew mkissra mill-konvenuti ma kenux jikkonsistu, jew almenu ma kenux jikkonsistu esklussivament, minn imbarazz imma wkoll minn oggetti li kellhom valur tant illi l-istess konvenut David Psaila jidher li kien dispost li almenu jigborhom u jzommhom ghalih. Minkejja li l-istess xhud jikkontendi li ghalih tali oggetti ma kellhom ebda valur, il-fatt wahdu li huwa stess jidher li kien dispost li jzomm tali oggetti huwa indikattiv tal-fatt li almenu uhud minn tali oggetti kellhom valur u certament ma kenux ghal kollox imbarazz jew skart kif eccepit mill-konvenuti.

Illi fir-rigward tal-kwistjoni l-ohra li l-konvenuti agixxew sabiex jizgumbraw post pubbliku minn oggetti mitluqa hemm li kienu qed ikerrhu l-proprjeta`, jostakola u jipperikola n-nies li jghaddu mit-triq, it-Tribunal jghid li certament ma kienx il-kompitu tal-konvenuti li jagixxu fil-konfront ta' proprjeta` ta' haddiehor fi rwol li jispetta mhux lic-cittadin privat imma semmai lill-awtorita` pubblika. Jekk tassew il-konvenuti kellhom ghal qalbhom l-estetika tal-ambjent li fih kienu jinsabu l-mobbli tal-attur, is-sahha tal-pubbliku jew il-passagg taghhom, huma messhom irrapurtaw l-istess lill-awtoritajiet kompetenti sabiex dawn jiehdu l-azzjoni mehtiega ghall-izgumbrar u tindif tal-ambjent. Gara minflok li minn dan kollu l-konvenuti m'ghamlu xejn jew m'ghamlux bizzejjed u ghazlu minflok li jiehdu huma stess il-ligi b'idejhom u jizgumbraw il-passagg. Il-Perit Matthew Psaila xehed fis-sens li: "***<u>Jiena hassejt li kelli d-dritt li naghmel hekk peress li kienet qeghda tingombra proprjeta' tieghi</u>*** *u dawn l-oggetti kienu jinsabu fi triq pubblika.*" (enfazi mizjuda). Permezz tal-affidavit tieghu ukoll jistqarr li l-oggetti tnehhew peress li "*wasalna fl-istadju illi l-postijiet kienu nbieghu u anke wasalna ghall-kuntratti* (…) *dan l-imbarazz kien qieghed jingombra l-faccata u aktar important minn hekk, kien qieghed jillimta l-access tal-proprjeta` taghna u kien qed jaghti dehra traskurata lill-kumpless residenzjali gdid li konna ghadna kif lestejna*". Mill-provi prodotti jidher li l-konvenuti lanqas ma waqqfu minn dak li kienu qeghdin jaghmlu meta fuq il-post wasal l-istess attur u prova jwaqqafhom milli jkomplu ikissru u jarmu l-oggetti (ara f'dan is-sens para 9 tal-affidavit tal-attur). Hekk ukoll lanqas jirrizulta x'gara mill-oggetti li gew migbura u trasportati mill-post. Iben il-konvenuti fil-fatt jghid li "*dawn l-oggetti ahna ma nafux x'sar minnhom nafu biss li whud minnhom gew imkissrin, ohrajn nimmaginaw li baqghu fil-pussess tal-Periti Psaila*" (kontro-ezami datat 23 ta' Gunju, 2021). It-Tribunal jikkonkludi li l-konvenuti ma kellhom ebda dritt li jagixxu unilateralment u jiddisponu minn oggetti li, kjarament kienu jafu li jappartjenu lill-attur u li kellhom valur. Il-konvenuti setghu facilment jistennew li jigi ezegwit l-ordni ta' enfurzar li huma jghidu kien inhareg fil-konfront tal-attur jew almenu icaqalqu l-oggetti msemmija minn zona ghall-ohra b'tali mod li jigi evitat l-intralc ghall-passagg li jwassal ghall-proprjeta` taghhom minghajr hsara ghall-attur. Madanakollu, minflok, ghazlu li jiehdu dawn l-oggetti u jkissru uhud minnhom b'detriment car ghall-interessi proprjetarji tal-istess attur. It-Tribunal ma jista' qatt

jikkondona agir ta' dan it-tip li kjarament jirrazenta l-agir kriminali u li certament ma jixraq lil hadd wisq anqas lil periti teknici li r-rwol taghhom bhala professjonisti huwa wkoll dak li jaraw li zvilupatturi jagixxu skont il-ligi fix-xoghol ta' zvilupp taghhom.

Illi fit-tieni lok, il-konvenuti jeccepixxu wkoll li t-talba attrici ma tistax tirnexxi ghaliex permezz taghha l-attur qieghed jezigi rimedju ghall agir illegali tieghu. Hawn ukoll it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-konvenuti. Mill-provi prodotti ma rrizulta bl-ebda mod li l-kawza ghall-hsara mitluba mill-attur kienet naxxenti minn xi azzjoni tieghu. Kienu l-konvenuti li ghazlu li jagixxu bi drittijiet li huma pretendew li kellhom anke fir-rigward tal-oggetti tal-attur daqslikieku din kienet xi proprjeta` taghhom. Il-fatt wahdu li l-attur iddepozita tali oggetti fejn huwa dehrlu li seta' jqieghedhom, kif diga` gie deciz hawn fuq, seta' espona lilu wkoll ghal azzjoni kriminali u wkoll civili u wkoll ghall-possibbli enfurzar min-naha tal-awtoritajiet kompetenti imma certament ma kienx jiggustifika l-agir tal-konvenuti li jarmu l-oggetti minghajr il-kunsens tieghu. Fin-nuqqas ta' ko-operazzjoni tal-attur, il-konvenuti kienu jkunu certament intitolati li jfittxu l-assistenza tal-awtoritajiet kompetenti jew jagixxu gudizzjarjament ghall-izgumbrament u d-danni konsegwenti. Jerga' jinghad ukoll li l-kwistjoni li jrid jiddeciedi t-Tribunal m'huwiex dak jekk l-attur kellux dritt jew le li jzomm l-oggetti fejn jidher li kien ilu zmien izommhom, imma jekk il-konvenuti ghandhomx jigu ritenuti responsabbli ghall-hsara li kkawzawlu billi ramew il-mobilja tieghu. Huwa fatt li l-konvenuti agixxew daqslikeku qeghdin jghixu fi stat fejn ma tahkimx is-saltna tad-dritt imma d-dritt li kulhadd jaghmel li jrid anke bi hwejjeg haddiehor. Huwa dan l-agir li wassal ghall-hsara lamentata mill-attur u certament mhux il-fatt wahdu li huwa ddepozita matul is-snin oggetti u mobilja f'zona li huwa jqis li hija tieghu, anke jekk din tista' tirrizulta li hija art pubblika.

Illi t-Tribunal ser jghaddi sabiex finalment jittratta l-ahhar tlett eccezzjonijiet li, permezz taghhom, il-konvenuti qed jikkontestaw it-talba bhala wahda eccessiva u intiza sabiex twassal ghal profit indebitu min-naha tal-attur. Illi f'dan ir-rigward jinsab regolarment deciz li l-azzjoni ghall-kumpens ghad-danni hija intiza sabiex tirrendi lill-min ikun sofra l-hsara fl-i*status quo ante* u dana proprju b'rispett lejn il-principju li jehtieg li hadd m'ghandu japprofitta ruhu mill-event dannuz sabiex jistaghna lilhinn

minn dak mehtieg mill-kumpen dovut lilu ghall-valur attwali tal-hsara li jkun sofra. Kif inghad, fost diversi sentenzi ohrajn, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza **Borg pro et noe vs Muscat**: "*l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn*".

F'dan ir-rigward it-Tribunal fela bir-reqqa r-rendikont prezentat mill-attur u wkoll ir-ritratti ezebiti mill-konvenuti stess flimkien mal-affidavits taghhom. L-attur jikkontendi li huwa sofra danni ammontanti ghas-somma ta'erbat elef, sitt mija u hamsa u tmenin euro (€4685) liema somma tirrapprezenta l-valur tal-oggetti mkissrin jew mormija mill-konvenuti. Kif inghad, it-Tribunal fela r-ritratti ezebit in atti u minnhom jirrizulta car li l-oggetti li jinsabu hemmhekk indikati m'humiex tali li l-valur taghhom jista' jigi ikkunsidrat li joqrob lejn dak dikjarat mill-attur. It-Tribunal jinnota li r-ritratti juru diversi oggetti fosthom materjal ta' kostruzzjoni, *tyres*, bibien, hadid u gradilja. Fuq kollox huwa l-istess attur li jammetti li l-valur tal-oggetti dikjarat minnu huwa dak ta' oggetti mixtrija godda skont is-suq odjern (f'dan is-sens ix-xhieda tal-attur in kontro-ezami waqt is-seduta tal-14 ta' Settembru, 2021), dana meta certament l-oggetti mitluqin barra mill-attur ma jistghux jigu kkunsidrati la godda wisq anqas f'kundizzjoni kurata. Ghaldaqstant huwa car li t-talba fil-valur indikat mill-attur hija wahda eccessiva.

Illi t-Tribunal huwa wkoll marbut b'dak li jinsab espressament provdut taht l-art. 9(2)(c) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** u cioe` li ghandu jiddeżisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti sabiex jagħtu l-parir espert tagħhom. Fil-fatt f'dan il-kaz la saret talba ghall-hatra ta' teknici u lanqas giet ordnata xi hatra ta'esperti mit-Tribunal biex jigi stmat il-valur tal-oggetti mertu tal-kawza, imqar abbazi tar-ritratti ezebiti in atti. Konsegwentement jinkombi fuq it-Tribunal id-dmir illi jiddetermina l-valur ta' tali oggetti imqar fuq bazi *arbitrio boni viri* u avut rigward ghal dak kollu li jinghad hawn fuq. F'dan ir-rigward ukoll jinsab deciz is-segwenti:

> *Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latitudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f'dan is-sens* ***Bottone vs Saliba****; u* ***Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia nomine****, Prim'Awla, 9 ta' Gunju 1972; u* ***Bugeja vs Borg****, Prim'Awla tal-*

*Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983). Kif inghad fis*-sentenza deciza minn din il-Qorti presejduta mill-Imhallef Philip Sciberras fit-28 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Sylvia Degiorgio et vs Massimiliano Da Crema et** *: "Jista' jinghad ukoll illi f' din l-istess gurisprudenza ma nsibu l-ebda kompensazzjoni perfetta. Dan johrog bic-car anke minn din l-osservazzjoni ta' dina l-Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet "***Louis Vincenti nomine et -vs- Carmelo Micallef***", 17 ta' Gunju 1961 (Vol. XLV P II p 680):- "Perfezzjoni aritmetika jew pjena u kompleta ad unguem fil-kumpens ma tistghax tigi pretiza, imma tista' tinghata dik biss li l-Inglizi jsejhu 'fair and reasonable compensation' derivanti mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li umanament hija possibbli. Kif gja fuq inghad, del resto ravvizat ukoll f' bosta sentenzi, "din id-disposizzjoni necessarjament u logikament thalli hafna fid-diskrezzjonali prudenzjali tal-gudikant" ("***Joseph Borg –vs- Dr. Antonio Valenzia nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Gunju 1972; "***Bugeja –vs- Borg***", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983);"* (kif deciz mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' April, 2011 fl-ismijiet **Mario Caruana vs Marsovin Limited**)

Tenut kont tac-cirkostanzi, b'mod partikulari tal-elenku provdut mill-attur u tar-ritratti ezebiti mill-konvenuti stess, it-Tribunal isib li *arbitrio boni viri* l-attur huwa intitolat ghas-somma ta' elf u hames mitt euro (€1500). Certament li tali somma tirrapprezenta valur ferm aktar idoneju ghall-oggetti tal-attur kif elenkati minnu u kif murija fir-ritratti minn dak il-valur kjarament eccessiv dikjarat minnu.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti, qieghed jilqa' in parte u sakemm kompatibbli mas-surreferit it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet u kwindi jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' elf u hames mitt euro (€1500) u ghaldaqstant jikkondanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-istess somma imsemmija ta' elf u hames mitt euro (€1500) rapprezentanti l-valur tal-oggetti mobbli tal-attur li tnehhew u/jew tkissru

minnhom jew minn nies imqabbdin minnhom, bl-ispejjez ta' din il-procedura jigu sofferti b'mod ugwali miz-zewg partijiet.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil. M.A. (Melit.)**

**Gudikatur**